MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 2036/1995/1

**John Gerada**

**vs**

**Marsalite Ltd**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Fit-28 ta' Novembru 1995, l-attur ipprezenta citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, li fiha ippremetta li huwa kien impjegat tas-socjeta` konvenuta

bhala mastrudaxxa, u fl-24 ta’ Marzu 1994, huwa garrab dizabilita` permanenti minhabba negligenza u traskuragni tas-socjeta` konvenuta, u dan meta waqghu fuqu ghoxrin *gypsum board* li ma kienux marbuta. Dan l-incident gara gewwa van tal-kumpanija misjuq minn xufier taghha stess. Minhabba li s-socjeta` konvenuta naqset li tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni, l-istess attur talab lill-Qorti tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-dizabilita` li huwa garrab, tillikwida d-danni hekk sofferti minnu kif ukoll biex tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata minnha, bl-imghax u bl-ispejjez.

2. Bin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet taghha prezentata fil-11 ta’ Marzu 1996, is-socjeta` konvenuta cahdet ir-responsabilita` taghha ghal dan l-incident u ghad-danni konsegwenzjali u ghalhekk talbet li t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda.

3. Fl-20 ta’ Novembru 1996, dik il-Qorti hatret bhala espert mediku lil kirurgu Mr Frederick Zammit Maempel sabiex jistabilixxi n-natura tal-griehi ta’ l-attur u jghid jekk kienx hemm dizabilita` permanenti bhala konsegwenza ta’ l-incident in kwistjoni. Dan il-perit mediku halef ir-rapport tieghu fis-seduta mizmuma minn dik il-Qorti fit-23 ta’ Mejju, 1997. Ir-rapport relattiv jinsab a fol. 163 *et seq.* tal-process u minnu jirrizulta li l-attur ghandu dizabilita` ckejkna, stmata tlieta fil-mija (3%) bhala rizultat ta’ l-incident imsemmi.

4. Dik il-Qorti ezaminat ukoll il-provi kollha li ressqu l-kontendenti quddiemha, u ghaddiet biex tat is-sentenza taghha fl-udjenza tal-4 ta’ Ottubru, 1999. HIja laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk iddikjarat li l-incident in kwistjoni ma garax b’xi nuqqas taghha. B’hekk cahdet it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu u dan wara li l-ewwel Onorabbli Qorti *inter alia* ikkonsidrat hekk:
“L-obbligu ta’ min ihaddem huwa li jipprovdi ambjent tax-xoghol li jkun “safe”, li jipprovdi l-mezz u l-ghodd necessarji li ma jkunx fihom perikolu intrinsiku, u f’kaz fejn ix-xoghol jinvolvi trasport, li dan it-trasport jkun idoneu u

ma johloq ebda perikolu ghall-impjegat. Min jhaddem huwa wkoll mistenni li jaghti t-tharrig necessarju lill-impjegati tieghu u jaghmel dik is-sorveljanza mehtiega sabiex jigu evitati incidenti waqt ix-xoghol. Jekk min ihaddem jonqos f'xi wiehed minn dawn l-obbligi tinholoq presunzjoni "juris tantum" ta' responsabilita` u l-piz tal-prova biex jwaqqa' tali presunzjoni tinkombi l-employer.

Daqstant ghandu obbligi l-impjegat fis-salvagwardja ta' l-inkolumita` tieghu u ta' shabu fuq ix-xoghol. Ghalhekk l-impjegat irid jobdi d-direttivi li jinghata u jesegwixxi x-xoghol li jkollu bid-diligenza ta' bonus pater familias. Ir-responsabilita` ta' l-impjegat fil-kaz ta' nuqqas tieghu waqt il-hin tax-xoghol hija aktar kbira meta l-impjegat in kwistjoni li jkun korra jkun wiehed tas-sengha u li jkun ilu zmien twil jahdem ma' l-istess employer u jaghmel l-istess xoghol.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attur kien ilu cirka hdax-il sena impjegat mas-socjeta` konvenuta u minn semplici "general labour" tela' grad grad ghall-posizzjoni ta' "leading carpenter" kariga ta' certa responsabilita` u anke kellu tahtu impjegati ohrajn biex jassistuh. Kien ghalhekk konxju mill-perikoli li jista' johloq materjal stivat fil-kaxxa tal-van meta ma jkunx marbut. Tant hu hekk li dan stqarr li meta jkunu sejrin 'il boghod, il-materjal jorbtuh. Mhux kontestat li dakinhar ta' l-incident is-socjeta` konvenuta kienet ipprovdiet hbula sabiex ix-xoghol jintrabat u dana sew fl-interess ta' l-istess socjeta` biex ma ssirx hsara fil-materjal sew fl-interess ta' l-impjegati biex ma jigrix xi incident bhala ma gara. L-attur ghalhekk naqas serjament meta hu, bhala l-impjegat responsabbli ghax-xoghol u b'esperjenza ta' diversi snin, naqas li jorbot il-gypsum qabel ma bdew il-vjagg. L-iskuza li dan kien obbligu tad-driver mhux accettabbli billi fl-ewwel lok ma tirrizultax pruvata u fit-tieni lok kien jinkombi lill-istess attur bhala persuna responsabbli u li kien ser joqghod fuq wara tal-van, cioe` hdejn il-gypsum, li jara li dan ikun stivat sew u marbut. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Managing Director tas-socjeta` konvenuta Ronnie Cauchi. Dan qal hekk "ghandna bicca apparat li jintrabat mal-van …. l-appart ikun marbut mal-van ghax hu dak li jghidulu

"ziemel" …. u jitpogga x-xoghol mal-genb tieghu fuqu u jrid jintrabat, 'whatever it is – irid jintrabat." L-istess xhud kompla hekk "Dawk huma l-instructions taghna lil kulhadd li jiehu hsieb xogholu." Fir-rigward ta' l-attur fil-kuntest tal-prekawzjonijiet imsemmija l-istess Managing Director zied jghid "Bhala 'leading carpenter' (l-attur) jaf illi l-proprjeta` tal-kumpanija jrid jiehu hsiebha, u jrid jiehu hsieb illi dawn ma jaqghux u ma jweggghux."

Fil-konfront tas-socjeta` konvenuta l-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqa li jista' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita` anke kontributorja. Infatti din ipprovdiet mezz ta' trasport adegwat, ipprovdiet iz-ziemel fejn kellhom jistriehu l-gypsum sheets, u ipprovdiet anke l-hbula biex dawn ix-sheets jintrabtu mal-hadid tal-kaxxa tal-van biex ma jkunx jistghu jersqu jew jeghlbu kif il-fatt gara. Is-socjeta` konvenuta tat l-istruzzjonijiet kollha mehtiega u halliet f'idejn persuna kapaci (l-attur) biex jezegwixxi x-xoghol b'mod tajjeb. Il-fatt li seta' l-foreman ma kienx prezenti meta kienet qed issir it-tghabija ma ghandux jimmilita kontra s-socjeta` konvenuta billi fl-ewwel lok mhux pruvat li ma kienx hemm u fit-tieni lok l-attur kien persuna tas-sengha u ghal kull buon fini ta' responsabilita`."

## <u>**II L-APPELL**</u>

5. L-attur interpona appell minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti b'rikors ta' appell ipprezentat fil-21 ta' Ottubru, 1999. Wara li spjega l-aggravji tieghu fil-konfront tas-sentenza appellata, huwa talab lil din l-Qorti joghgobha thassar is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-4 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet premessi, u minflok tilqa' t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

6. Is-socjeta` appellata ikkontestat l-appell bir-risposta taghha prezentata fit-8 ta' Novembru, 1999. Hija wiegbet ghas-sottomissjonijiet ta' l-appellant u wara li irrilevat li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell ta' l-attur u

tikkonferma s-sentenza appellata u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Irrizulta li l-appellant kien impjegat mas-socjeta` appellata ghal hdax-il sena shah qabel ma gara l-incident in kwistjoni, fl-24 ta' Marzu, 1994. Huwa kellu l-grad ta' *leading carpenter* u dakinhar ta' l-incident kien riekeb fil-kaxxa tal-van tas-socjeta` appellata. Fil-kaxxa tieghu kien qieghed igorr ghoxrin folja tal-*gypsum*. Meta l-van wasal quddiem il-Knisja ta' l-Imsida u wasal biex idur, dan ha skoss u l-folji tal-gypsum waqghu fuq l-appellant u l-haddiem l-iehor li kien riekeb gol-kaxxa tal-van. Jirrizulta wkoll li l-appellant ghamel xi zmien bl-*injury leave* u eventwalment tilef l-impjieg tieghu mas-socjeta` appellata. Gie stabbilit mill-espert kirurgu mahtur mill-ewwel Qorti li l-appellant garrab dizabilita` permanenti ta' tlieta fil-mija (3%). F'din il-kawza l-appellant qieghed jallega li r-responsabilita` ta' l-incident li fih huwa wegga' kienet tas-socjeta` li timpjegah, cioe`, s-socjeta` konvenuta. Din, min-naha taghha, qeghdha tichad li kienet responsabbli ghal dan l-incident. Jirrizulta wkoll li l-ewwel Onorabbli Qorti akkoljiet l-oppozizzjoni tas-socjeta` appellata u sabet li din ma kellha l-ebda responsabilita` ghall-incident. L-ewwel Onorabbli Qorti kienet tal-fehma li l-appellant, bhala l-impjegat responsabbli ghax-xoghol li kien mghobbi fil-van, u b'esperjenza ta' diversi snin, naqas serjament mill-obbligi tieghu meta huwa ma assigurax li l-*gypsum boards* kellhom jintrabtu sewwa qabel ma nbeda l-vjagg. L-ewwel Qorti ma accettatx is-sottomissjoni ta' l-appellant li l-obbligu li jintrabat ix-xoghol kien tas-sewwieq tal-van, cioe` l-impjegat l-iehor tas-socjeta` konvenuta. Hija ikkonkludiet li kien jinkombi fuq l-istess appellant, bhala l-persuna responsabbli ghax-xoghol u li kien ser joqghod fil-kaxxa tal-van, cioe` hdejn il-*gypsum*, li jara li dan ikun stivat kif ukoll marbut. L-ewwel Qorti ma irriskontrat l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta` appellata ghaliex din ipprovdiet mezz ta' trasport adegwat, il-kavallett fejn kellhom jistriehu l-*gypsum sheets*, kif ukoll hbula biex dawn ix-*sheets* jintrabtu mal-hadid tal-kaxxa tal-van biex ma jkunux jistghu jghelbu kif fil-fatt gara. Is-socjeta` appellata kienet tat l-istruzzjonijiet kollha mehtiega u

halliet f'idejn persuna kapaci, cioe` l-appellant biex jesegwixxi x-xoghol b'mod tajjeb.

8. L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi ghaliex dawn kienu juru li s-socjeta` appellata naqset li tissorvelja sew it-tghabija tal-*gypsum* kif ukoll li tassigura li dawn il-*gypsum boards* ikunu marbuta sewwa biex ma jiccaqalqux u ma jaqghux waqt it-trasport. L-appellant qieghed isostni wkoll li s-socjeta` appellata naqset li tipprovdi kavallett li seta' jzomm ruhu sew mal-kaxxa tal-van. Dan il-kavallett kien effettivament ipprovdut b'pinnijiet biss u mhux bil-*bolts,* ghalhekk seta' facilment jaqa' waqt it-trasport. L-appellant isostni li dakinhar ta' l-incident mhux biss il-boards tal-*gypsum* waqghu fuqu izda dawn ghelbu bil-kavallett b'kollox fuqu u fuq il-haddiem l-iehor Twanny Gatt.

9. Jirrizulta li hemm konflitt fil-provi dwar jekk il-kavallett spostax ruhu waqt l-incident b'mod li dan ukoll waqa' fuq l-appellant. L-ewwel Qorti kellha l-vantagg li semghet il-provi hija stess u ghazlet li taghti aktar kredibilita` lil dawk ix-xhieda li qalu li l-kavallett baqa' f'postu fl-incident in kwistjoni u ghalhekk ma tatx kredibilita` l-verzjoni ta' l-attur li proprju tghid li dan il-kavallett waqa' fuqu wkoll. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar din il-kwistjoni ta' fatt ghaliex ma nghatat l-ebda raguni gravi u serja bizzejjed biex din il-konkluzjoni tigi disturbata. Irrizulta mix-xhieda kollha li l-*gypsum boards* in kwistjoni ma kienux marbutin. Jirrizulta Ii dawn suppost jintrabtu mhux biss mal-kavallett imma wkoll mal-*frame* tal-kaxxa tat-trakk li fuqha kien hemm it-tinda tal-plastik. Li kieku sar dan l-irbit, kieku zgur l-incident kien jista' jigi evitat ghaliex dan l-irbit kien izomm ukoll il-kavallett fis-sod marbut ma' l-imsemmi *frame* tal-hadid tal-kaxxa tal-van.

10. Din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li kien nuqqas kbir min-naha ta' l-appellant li huwa ma hax hsieb li jara li x-xoghol jintrabat bil-habel li kien provdut mis-socjeta` appellata. Din il-Qorti jidhrilha li huwa inutili ghall-appellant li jipprova jixhet il-htija ta' dan in-nuqqas tieghu ta' l-irbit tax-xoghol fuq il-*foreman* jew

fuq ix-xufier tas-socjeta` appellata. L-attur kien bniedem tas-sena, huwa kien jaf xoghlu sew u kellu esperjenza ta' diversi snin fuq l-istess xoghol. Huwa u l-haddiema shabu kienu ghabbew l-*gypsum boards* fil-van u kien fid-dover tieghu li jara li dawn il-*boards* jintrabtu sewwa biex ma tigrilhomx hsara waqt it-trasport. Kellu d-dmir ukoll li jara li hadd mill-haddiema li kienu se jirkbu fil-kaxxa tal-van waqt it-trasport ta' l-istess *gypsum boards* ma jwegghu fil-kaz li l-istess *boards* jiccaqalqu u jispostaw ruhhom waqt it-trasport. Ma kien hemm xejn straordinarju li wiehed jistenna li l-attur jara li dawn il-*boards* jintrabtu, ghaliex din kellha tkun mizura semplici ta' prevenzjoni dettata mis-sens komun u mid-diligenza ta' persuna ta' intelligenza ordinarja anke fl-ipotezi li din ma tkunx wahda tas-sengha. Ghalhekk dawn l-aggravji li ressaq l-attur appellant ma jistghux jintlaqghu minn din il-Qorti u dan anke ghar-ragunijiet li l-ewwel Onorabbli Qorti esprimiet fis-sentenza taghha.

11. Fl-ahhar aggravju tieghu l-appellant ikkritika s-sentenza appellata fejn din irriteniet li s-socjeta` appellata ma kellha l-ebda responsabilita` ghall-incident ghaliex hija kienet ipprovdiet trasport adegwat. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jghid hekk:

"Forsi li ma giex ikkunsidrat fil-prim istanza kien il-fatt li s-socjeta` appellata ma pprovdietx trasport <u>hieles mill-perklu</u> lill-haddiema inkluz Gerada. Fatt li mhu kontestat minn hadd hu li l-appellant Gerada u iehor <u>kellhom jirkbu fil-kaxxa qalb il-gypsum boards</u>. Allura, dan huwa trasport adegwat?"

L-appellant qieghed isostni li kieku l-haddiema nghataw trasport separat mill-merkanzija kieku l-appellant ma kienx iwegga'.

12. Is-socjeta` appellata opponiet ghal din is-sottomissjoni ta' l-appellant billi testwalment qalet hekk:

"L-appellant jirritjeni li s-socjeta` appellata naqset meta ppermettiet li jsir trasport tax-xoghol u persuni flimkien. Tenut kont tal-fattispece tal-kaz in ezami, it-tesi ta' l-appellant hija insostenibbli. Qabel xejn, is-socjeta`

appellata taghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet responsiva in partikolari fejn jissemma' l-Art. 49(3)(f) ta' l-Avviz Legali 52 tal-1986 li proprju jitratta l-garr ta' materjal, u hemm riferenza specifika ghall-kriterju *reasonably practicable*, kif debitament kunsidrat fil-gurisprudenza. Is-socjeta` appellanti ma naqqsitx meta ippermettiet li l-haddiema jkunu trasportati flimkien max-xoghol. Il-kondizzjonijiet oggettivi bhad-daqs tal-mezz ta' trasport, in-natura tax-xoghol, in-numru ta' persuni fl-assjem taghha kienu sodisfacjenti bizzejjed biex it-trasport ikun fis-sigurta`. In-nuqqas ta' sikurezza ma tistax tkun attribwita ghal apprezzament sbaljat tan-normi ta' prevenzjoni izda unikament ghall-fatt illi x-xoghol ma ntrabatx. Kieku l-attur rabat ix-xoghol l-incident kien jigi evitat."

13. Il-*Motor Vehicles Regulations* jaghtu tifsira tal-kliem "*goods vehicle"* bhala *"any motor vehicle which is licensed and/or registered solely for the carriage of goods and which is not permitted to carry any person, except the driver and the person or persons in charge of the goods*" (illum Reg. 2 ta' l-A.L. 128/1994).
Dawn ir-regolamenti kienu jghidu wkoll li:
"*Passengers may not be carried by goods vehicles except that: one person may be permitted to sit next to the driver of a goods vehicle while it is in use; persons in charge of goods or engaged in loading or unloading them may be carried*."

14. Il-kwistjoni <u>llum</u> hija regolata bil-*Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) Regulations* (A.L. 146/2003):
"*71. (1) Passengers may not be carried by goods vehicles except that –*

*(a) one person may be permitted to sit next to the driver of a goods vehicle whilst it is in use.*
*(b) they are the persons who are in charge of the goods or engaged in loading and unloading them."*

15. Din il-Qorti jidhrilha li hemm periklu inerenti fil-garr tal-passiggieri fil-kaxxa ta' van. Certament hija prattika tajba tax-xoghol li kemm jista' jkun passiggieri ma jingarrux mal-merkanzija ghas-semplici raguni li l-haddiem mhux merkanzija. Fil-kaz odjern jidher li s-socjeta` appellata ma ikkommettiet l-ebda nuqqas *vis*-à-*vis* ir-regolamenti li gew citati aktar qabel f'din is-sentenza u anqas vis-à-vis ir-regolamenti ezistenti fil-gurnata ta' l-incident, ghaliex l-appellant seta' jigi ordnat mis-socjeta` appellata li jivvjagga flimkien mal-*gypsum boards* fil-kaxxa tal-van billi hu kien qieghed jiehu hsiebhom u kien ghabbihom gol-vann u kien mistenni minnu li jhotthom minn hemm ukoll. Madankollu, dak li ntqal sa issa ma jfissirx li s-socjeta` appellata hija ezenti minn kwalunkwe responsabilita` civilment. Dan ghaliex, kif diga` ntqal, il-garr ta' passiggieri flimkien mal-merkanzija go kaxxa ta' van, <u>tipprezenta periklu ovvju inerenti</u>. Dan aktar u aktar fil-kaz odjern meta irrizulta li l-appellant u l-haddiem l-iehor li kien mieghu fil-kaxxa tal-van meta sar l-incident in kwistjoni, ma kellhom imkien fejn ipoggu bilqieghda. Ma jirruzultax li l-van kien fih xi bank li fuqu setghu jpoggu bilqieghda l-haddiema biex b'hekk jivvjaggaw ferm aktar fis-sod. Minflok dawn il-haddiema kien mistenni minnhom li jibqghu bilwieqfa u jzommu kif jistghu mal-*frame* ta' l-istess kaxxa tal-van. Din il-Qorti jidhrilha li sistema ta' trasport bhal dan mhix accettabbli, ghax din tmur kontra d-dover ta' min ihaddem li jiehu "*all practicable steps to ensure, so far as is reasonably practicable, the health and safety and welfare at work of all his empoloyees*", kif jesigi s-subartikolu 1 tar-regolament 49 ta' l-Avviz Legali 52 tal-1983. Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni wkoll ghaliex fil-kaz odjern is-socjeta` appellata jidher li esponiet lill-appellant ghall-periklu ikbar milli kien strettament necessarju.

16. Dan qieghed jinghad ghaliex proprjament it-trasport tal-*gypsum boards* kellu jkopri distanza pjuttost qasira; fil-fatt dan il-materjal tghabba fil-fabbrika tal-Marsa u kellu jittiehed fi stabbiliment li kien jinsab il-Blata l-Bajda. Jista' jkun li, minhabba li t-trasport kellu jsir fuq distanza pjuttost qasira, l-appellant u shabu dehrilhom li ma kienx

necessarju li l-*gypsum boards* jintrabtu. Irrizulta mill-provi li x-xoghol mhux dejjem kien jintrabat meta l-vjagg ikun wiehed qasir. F'dan il-kaz il-haddiema kienu jingarru fil-kaxxa tal-van u kienu huma stess li jzommu l-*gypsum boards* manwalment biex dawn jibqghu f'posthom fuq il-kavallett waqt il-vjagg. Ovvjament din kienet sistema u prattika ta' hidma li kienet inerentement perikoluza. Meta l-appellant kif ukoll shabu kienu jadoperaw tali procedura, huma kienu jonqsu mid-dover ordinarju taghhom li jiehdu hsieb sewwa tal-merkanzija u wisq izjed li ma jipperikolawx inutilment sahhithom stess.

17. Issa fil-kaz odjern irrizulta li minflok ma l-*gypsum boards* u l-haddiema nizlu l-Blata l-Bajda, is-sewwieq baqa' sejjer bihom lejn Tas-Sliema, fejn hemmhekk kellu jwassal xi haddiema ohra li kienu fil-kaxxa tal-van flimkien ma' l-appellant. Irrizulta li s-sewwieq ghamel hekk ghax kellu ordni biex jaghmel hekk mis-superjuri tieghu. L-incident sehh meta l-van kien sejjer lura minn Tas-Sliema lejn il-Blata l-Bajda, ezattament meta dan kien wasal quddiem il-Knisja ta' l-Imsida. Hemmhekk it-triq iddur f'angolu ta' kwazi 90 *degrees* kif ukoll toghla xi ftit. Kien proprju meta l-van kien qieghed idur li l-*gypsum boards* ghelbu u nqalbu kollha, kemm huma fuq l-appellant u fuq il-haddiem l-iehor li kien riekeb mieghu fil-kaxxa, cioe` Twanny Gatt. Il-vann ma kellux ghalfejn imur l-Imsida jekk it-trasport tal-*gypsum boards* u l-haddiema flimkien kellu jsir mill-Marsa ghall-Blata l-Bajda.

18. Id-decizjoni tas-socjeta` appellata li tittrasporta l-haddiema taghha, fosthom l-appellant fuq *goods vehicle*, flimkien mal-materjal, minghajr lanqas biss ma tipprovdilhom post xieraq fejn ikunu jistghu joqghodu bilqeghda, kienet prattika ta' xoghol li min-natura taghha stess tipprezenta certu riskju zejjed ghas-sahha ghall-haddiem. Huwa ovvju li decizjoni bhal din ittiehdet biex is-socjeta` appellata tnaqqas l-ispejjez tat-trasport. <u>Fil-kaz odjern, is-socjeta` appellata tawlet bla bzonn it-tragitt tal-*boards* li kienu qed jingarru flimkien mal-haddiema u b'hekk esponiet lill-haddiema fosthom l-attur ghall-riskju ghal sahhithom akbar milli kien strettament necessarju</u>.

19. Ghalhekk din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li meta s-socjeta` appellata adoperat tali procedura ta' hidma, hija naqset li tiehu dawk il-mizuri prattici sabiex tassigura b'mod prattiku u ragjonevoli s-sahha, is-*safety*, kif ukoll il-*welfare* ta' l-appellant. Isegwi ghalhekk li l-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa gustifikat u qieghed jigi milhuq.

20. Illi konsegwentement din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni wkoll li s-socjeta` appellata ikkontrubwiet biex sehh l-incident mertu tal-kawza. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti l-incident sehh <u>b'responsabilita` ndaqs</u> tal-kontendenti f'din il-kawza. Dan ghaliex l-appellant jirrizulta li naqas li jara li l-*gypsum boards* ikunu debitament marbuta waqt it-trasport, u ghaliex is-socjeta` appellata ma jirrizultax li ipprovdiet trasport adegwat u li joffri sigurta` sufficjenti ghas-sahha ta' l-attur.

21. Peress li f'dawn ic-cirkostanzi huwa mehtieg li ssir il-likwidazzjoni tad-danni konsegwenzjali li allegatament sofra l-attur, liema likwidazzjoni ghandha ssir fl-ewwel lok mill-Qorti ta' l-ewwel istanza, il-process sejjer jintbaghat lura lil din il-Qorti sabiex tkun tista' tipprocedi ghal dan il-ghan u tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi.

22. Ghal dawn il-motivi, tilqa' *in parte* l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens premess, u ghalhekk, b'referenza ghall-ewwel talba ta' l-appellant tiddikjara li l-incident in kwistjoni sehh bi htija ndaqs taz-zewg kontendenti, u li ghalhekk is-socjeta` appellata hija responsabbli ghal nofs id-danni konsegwenzjali.

Fl-ahharnett tibghat lura l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex, fid-dawl ta' din id-decizjoni, hija tkompli tisma' l-kawza u taghti d-decizjoni taghha fil-konfront tat-talbiet rimanenti ta' l-attur/appellant kontenuti fl-att tac-citazzjoni.

L-ispejjez taz-zewg istanzi, dovuti sa issa ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn iz-zewg kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------